SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 4110

Illum it-Tlieta, 18 ta' Mejju 2010

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-6.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

### ASSENTI

Ħadd

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4010 li saret nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 *Binding tal-Minuti*

Is-Sindku rrefera għal minuta 6 tal-laqgħa preċedenti u qal li hemm bżonn jinbeda l-eżerċizzju biex jiġu legati anki l-minuti tas-snin ta' qabel.

### 1.1.2 *Tindif tas-soft areas*

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li s-*soft areas* qed ikunu mimlijin *litter* u hemm bżonn ta' aktar sforz biex dawn jinżammu ndaf. Is-Sindku qal li t-tindif tas-*soft areas* jaqgħu taħt il-kuntratt tal-knis. Huwa qal li l-Kunsill qiegħed ukoll juża l-ħaddiema ta' l-ETC biex inaddfu dawn l-*areas*. Huwa qal li dawn għandhom apparat biex jiġbru l-karti u ħmieġ ieħor mingħajr ma jmissu xejn b'idejhom. Is-Sindku qal li bħalissa qed jagħmel ħafna riħ u għalhekk ikun hawn aktar karti u weraq fit-toroq.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-20 ta' April 2010 u t-18 ta' Mejju 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 689/10/O – MEUSAC – *Expression of Interest*
- 670/05/O – *Memo* 12/2010 – Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 617/10/I – *Memo* 52/2010 – Skema – *Lifelong Learning*
- 698/10/I – Mepa – Proġett tal-*Football Ground*
- 705/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *TV Slot*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *Memo* SLLC 06/2010 – Sparar tal-Festa
- *Memo* SLLC 07/2010 – Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija
- LN 119. – Abbozz ta' Regolamenti li jissostitwixxu l-A.L.119 tal-2002

## 3. PUNTI MQAJMA

3.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 617/10/I is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellha ssir fil-31 ta' Mejju 2010 u qal li skond ma sema' fl-aħbarijiet il-fondi mill-Unjoni Ewropea għal *lifelong learning* kienu twaqqfu.

3.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 698/10/I il-Kunsill innota applikazzjoni li saret lil Mepa mill-Klabb tal-Football dwar xi emendi fl-applikazzjoni PA01953/09 li jinkludu tibdiliet fil-ħajt li jdawwar *il-ground tal-football*. Il-Kunsill iddiskuta l-andament ta' dan il-proġett u ġie deċiż li għandha tintbagħt ittra lil Football Club ta' Santa Luċija fejn il-Kunsill jirrakkomanda li l-ħajt li jdawwar *il-ground* jinkesa bil-ġebla tal-franka. Il-Football Club għandu jara wkoll li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Begonja kantuniera ma' Vjal l-Oleandri u jsir *ir-reinstatement* tal-Bicycle Track kif kien ġie miftiehem. Il-Kunsill xtaq ukoll iwassal messaġġ ta' awguri lil dan il-Club.

3.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 705/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lil Kunsill li għad fadal xi dati vakanti għal programm *TV Slot* fejn il-Kunsilli jistgħu iwasslu l-messaġġ pożittiv tal-ħidma tal-Kunsill tagħhom. Il-Kunsill qabel li jieħu *s-slot* tat-23 ta' Ġunju 2010.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

**4.1 *Proposti għall-proġetti taħt l-ERDF***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar *letter of interest* li l-Kunsill issottometta lil MUESAC fejn qed jiġu proposti tlett proġetti li jiffukaw fuq il-bdil fil-klima u l-enerġija. Is-Sindku qal li l-ewwel proposta hija dwar il-proġett ta' *photovoltaic panels* li jsiru f' Wied Garnaw fuq medda ta' 700 metru liema proġett huwa stmat li jiswa madwar €750,000. Huwa qal li t-tieni proposta hija dik li toħroġ mir-rakkomandazzjonijiet tas-*sustainable energy action plan* u li tiswa €30,000 filwaqt li t-tielet proposta hija dwar il-proġett li għandu l-Kunsill biex jinxtel il-Jogging Track li huwa stmat li jiswa €63,720.

**4.2 *Memo 27/2010 – Skema ta' Finanzjament għal Proġetti Speċjali f'Kunsilli Żgħar***

Is-Sindku qal li Kunsill huwa nfurmat li kien ġie mażgħul biex jingħata fondi taħt l-iskema hawn fuq imsemmija biex isir il-proġett tal-Latrina Pubblika fil-Playing Field area. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin kien ser jingħata *cheque* biex ikun jista' jibda dan il-proġett.

**4.3 *Memo 12/2010 – Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar***

Is-Sindku rrefera għall-għajnuna għat-tħawwil ta' siġar fejn il-Kunsill kien talab biex jingħata 100 siġra. Huwa qal li l-Kunsill ġie nfurmat li minħabba li d-domanda għas-siġar kienet qawwija ġie deċiż li l-Gvern joħroġ biss żewġ terzi ta' l-ispiża nvoluta. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jintalab iħallas €1,837 għal mitt siġra. Huwa qal li meta tqis kemm hawn siġar u kemm jiżergħu siġar tat-3 4 U, iħoss li l-Kunsill m' għandux jidħol għal din l-ispiża. Il-Kunsill qabel mas-Sindku f'dan ir-rigward.

**4.4 *Sit Arkeoloġiku fi Triq il-Lellux***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mas-Sur Nataniel Cutajar f'isem is-Superintendent of Cultural Heritage dwar il-proġett tas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux. Huwa qal li l-applikazzjoni għal tindif u skavar li l-Kunsill issottometta lil Mepa issa kienet waqqgħat u l-Kunsill għandu bżonn biss il-permess tal-Heritage Malta biex ikun jista' jipproċedi fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li s-Sur Nataniel Cutajar kien ser isegwi it-talba li kienet saret mill-Kunsill għal *Guardianship Dee*d ta' dan is-sit. Huwa qal li kien hemm qbil li jibda tindif tal-post u skavar ta' l-irdiem dejjem jekk il-materjal huwa prodott riċenti u mhux materjal qadim. Is-Sindku qal li s-Sur Cutajar ser iżomm kuntatt mal-Kunsill dwar kull żvilupp f"dan il-proġett.

**4.5 *Bankina fi Triq il-Begonja***

Il-Viċi Sindku rrefera għal bini ġdid li tela' f'Dawret it-Torri kantuniera ma' Triq il-Begonja u qal li hemm bżonn tiġi rranġata l-bankina. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil individwu li wettaq dan l-iżvilupp biex jieħu ħsieb jagħmel *reinstatement* tal-bankina.

**4.6 *Qtugħ ta' ħaxix***

Il-Kunsllier Joe Bonello qal li hemm bżonn isir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Gheneb id-Dib.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3080 sa numru BOV3102 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' April (CM41(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4010.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2010 Ammont *Gross* €4954.64

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv. April10 | 2449.10 |
| Ronald Bezzina | (SS) 57/09/01 | Serv. April10 | 1131.53 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX April 10 | 83.81 |
| Twanny Barun | (BR)57/09/03 | Serv. April10 | 130.20 |
| Twanny Barun | (BR)57/09/03 | Serv.Mar.10 | 111.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-April10 | 53.52 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-April10 | 80.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-May10 | 80.00 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | Serv. April10 | 491.37 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. April10 | 2061.50 |

## 6. KUNTRATT ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar iż-żewġ offerti li ntegħfu għal dan il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv ħejjiet rapport li fih kien jinkludi r-rati li tefgħu ż-żewġ kuntratturi kif ukoll l-informazzjoni teknika li ukoll ġiet sottomessa f'dawn l-offerti. Is-Sindku qara dan ir-rapport. Il-Kunsill ikkunsidra d-dettalji kollha ta' dawn l-offerti. Il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta ta' Ronald Bezzina u Christopher Bezzina kienet l-aktar waħda vantaġġuża sew mill-att finanzjarju kif ukoll minn dak tekniku. Il-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni wkoll il-fatt li Ronald Bezzina ilu jagħti dan is-servizz f'Santa Luċija għal dawn l-aħħar xhur u li sew il-Kunsill kif ukoll ir-residenti huma sodisfatti bis-servizz provdut. Il-Kunsill innota wkoll li dan il-kuntrattur huwa familjari sew ma' l-esiġenzi tal-Kunsill u ma' l-*istandards* li jrid jilħaq il-Kunsill fl-għoti ta' dan is-servizz.

## 7. JUM SANTA LUĊIJA

### 7.1 *Attivitajiet*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-programm li qed jiġi propost bħala ċelebrazzjonijiet għal Jum Santa Luċija. Huwa qal li ser jiġu organizzati dawn l-attivitajiet:

Fil-15 ta' Lulju ser jittella' *Talent Show*
Fis-16 ta' Lulju ser jittella' *Fashion Show*
Fis-17 ta' Lulju ser ikun hemm serata ta' żfin
Fit-18 ta' Lulju ser tittella' attivita bl-isem ta' 'Santa Luċija Vintage Car Show'.

Is-Sindku qal ukoll li ser jiġi organizzat *Football Tournament* bil-kollaborazzjon tal-Football Nursery bħala parti mill-attivitajiet f'Jum Santa Luċija.

### 7.2 *Ġieħ Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għal din is-sena. Saret referenza għall-għoti ta' dan il-Ġieħ lil Dr. Karl Chircop li kellu jsir is-sena l-oħra iżda li kien ġie diferit għal din is-sena u l-Kunsill qabel li jippreżenta dan il-Ġieħ lil armla ta' Dr. Chircop fl-okkażjoni tal-15 ta' Lulju.

## 8. SEAP

Is-Sindku ressaq kopja tal-proposta tal-Kunsill taħt il-proġett *Sustainable Energy Action Plan* liema proposta ġiet imħejjija minn Econing Engineering Consultancy Ltd. Il-Kunsill approva din il-proposta li għandha tintbagħt lil Convenant of Mayors sat-22 ta' Ġunju 2010. Kopja ta' din il-proposta għandha tintbagħt lil Kunsillieri permess ta' *e-mail*.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

### 9.1 *Petizzjoni Triq Katerina Vitale*

Il-Kunsill ġie nfurmat b' petizzjoni li qed iresqu residenti minn Triq Katerina Vitale biex l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku terġa' tikkunsidra t-talba li ssir *road hump* f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li din il-petizzjoni tintbagħt lil Awtorita' Dwar it-Trasport fejn il-Kunsill jipproponi wkoll li din r-*road hump* issir bl-*asphalt* bħal dik li saret fi Triq il-Peprin li ftit li xejn taffettwa t-trasport pubbliku.

### 9.2 *Kwotazzjonijiet għal xiri ta' Generator*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjonijiet li ntefgħu wara sejħa li għamel il-Kunsill li dehret fil-Malta Independent tal-5 ta' Mejju 2010 (SLLC Q(57/10/05)). Iż-żewġ kwotazzjonijiet kienu kif ġej:

| ***Supplier*** | **Ammont** | **Rimarki** |
|---|---|---|
| Justin Attard | €2224.30 (VAT incl.) | *5.5kVaGenerator incl.installation* |
| United Equipment Company (UNEC) Ltd. | €6000.00+VAT<br>€1250.00+VAT | *Option 1: HYW8 T5*<br>*Option 2: HGRG 70 EM Generator set* |

Il-Kunsill qabel li għalissa jipposponi ix-xiri ta' dan il-*generator.*

### 9.3 *Bankina fi Triq iż-Żnuber*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-problema ta' ilma li joħroġ fuq il-bankina ta' Triq iż-Żnuber. Is-Sindku qal li l-problema ta' l-ilma tal-btieħi li joħroġ fuq il-bankina ġiet indirizzata sew fi Triq il-Lellux billi tinqata' l-bankina u l-katusa tiġi taħt il-bankina. Huwa qal fejn hemm din il-problema għandu jsir l-istess eżerċizzju.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju 2010 fis-1.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum <u>il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju 2010</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**